**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Gunju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Jean Paul Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Jean Paul Micallef bin Angela Camilleri, imwieled fit-13 ta' Settembru 1994, joqghod 27, Samangel, Triq Dun Xand Cortis, Dingli, detentur tal-karta tal-identita' numru 409094M;

Talli fl-20 ta' Settembru 2013, ghall-habta tas-17:45hrs gewwa Triq l-Irdum, Dingli:

1) Saq il-vettura JPM 013 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Concetta Mifsud skond kif iccertifika Dr. Robert Chircop M.D.;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta incident awtomobilistiku, fejn persuna intlaqtet minn vettura u per konsegwenza t'hekk sofriet griehi gravi. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu, Honda Accord bin-numru JPM 013, fi Triq l-Irdum, Dingli, nhar l-20 ta' Settembru, 2013, fil-hin tal-5.45pm. F'dak l-istess waqt, Maria Concetta Mifsud kienet miexja fl-istess triq, meta waslet ghal parti mill-bankina li kienet maghluqa bi "scaffolding" tal-kostruzzjoni installata mal-faccata ta' residenza. Minhabba f'hekk, hi ma setghetx tibqa' miexja fuq il-bankina, allura nizlet fit-triq biex tibqa' sejra. Hekk kif nizlet mill-bankina ghat-triq, dak il-hin nzerta ghaddej l-imputat isuq il-vettura tieghu, u laqatha, bil-konsegwenza li hi sofriet xi ksur. B'hekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra tieghu.

Il-Qorti semghet il-provi kollha tal-partijiet, u minn dawn il-provi tikkonkludi s-segwenti. Fl-ewwel lok, Maria Concetta Mifsud bil-fors kellha tinsel il-bankina u timxi fit-triq. L-"iscaffolding" kien qed jimblokka l-passagg taghha fuq il-bankina. Ma kellha ebda ghazla hlief li tinsel il-bankina u tkompli miexja fit-triq, u ghalhekk ma tara li hemm ebda negligenza kontributorja min-naha taghha. Fit-tieni lok, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident soffert minn Mifsud. It-triq fejn sehh l-incident tippermetti vizwali tajba w kontinwa. Ghalhekk is-sewwieq ma kellu xejn jostakola l-vista tieghu. Gie indikat li dak il-hin li sehh l-incident kien hemm ix-xemx f'ghajnejh, u ghalhekk ghal moment minnhom ma setax jara sew x'hemm quddiemu. Din ir-raguni, izda, ma tezimix lill-imputat mir-responsabbilta' li jiehu aktar prekawzjoni fis-sewqan tieghu. Mit-tip ta' impatt li sehh, ma jirrisultax li l-imputat kien qed isuq b'velocita' eccessiva, izda li hu ma rax lil Mifsud tinzel il-

bankina u timxi fit-triq, meta kellu vizwali tajba tat-triq u ma kellu xejn jostakola l-vista tieghu. Jekk hu minnu li x-xemx ma ppermettietx li jara, allura kellu jesercita aktar prudenza u diligenza bhala sewwieq fit-triq. Huwa ghalhekk li l-Qorti tqis li ghandu jinzamm responsabbli ghal dan l-incident.

Madankollu, it-traskuragni tal-imputat hija wahda minima ghall-ahhar ghall-Qorti, aktar frott tal-isfortuna tal-kaz milli hag'ohra. Ghalhekk, ghalkemm huwa responsabbli ghall-incident, bhala piena l-Qorti sejra taghti multa, minghajr l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu, peress illi fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi ghal tali skwalifika.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundah ghall-multa ta' elfejn euro (€2,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**